MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1839/2001/1

**David Pons**

**vs**

**Elena Solovieva Pons**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 9 ta’ Novembru 2001 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur ilu mizzewweg lill-konvenuta mis-17 ta’ Gunju 2000 minn dan iz-zwieg ma kien hemm ebda tfal.

Illi l-konvenuta saret hatja ta’ adulterju, ingurji gravi, sevizzi, mohqrija lejn zewgha u fil-fatt hi abbandunat id-dar konjugali; u fil-fatt illum telqet mid-dar biex marret

tghix banda ohra; u b'hekk ukoll dan iz-zwieg gie rez impossibbli minhabba nkompatibbilta' ta' karattru.

Illi l-partijiet fil-fatt izzewgu biss biz-zwieg civili u jinghad li ghall-konvenuta, li hija ta' nazzjonalita' Russa, dan kien zwieg ta' konvenjenza ntiz biex hi jkollha dritt tghix f'Malta;

Illi l-attur xtara d-dar matrimonjali qabel iz-zwieg u ghadu qed ihallas dejn li hemm fuqha. Hu ma ghandux fejn imur jghix, u ma kkommetta ebda htija li setghet wasslet ghal dan it-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg; u ghalhekk l-attur ghandu jithalla jkompli jghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenuta;

Illi l-konvenuta tahdem il-Westin Dragonara;

Illi l-attur gab l-awtorizzazzjoni biex jipprocedi ghas-separazzjoni permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla tal-25 t'Ottubru 2001 li qed jigi anness bhala dokument "A".

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba l-adulterju, ingurji gravi, sevizzi, mohqrija lejn l-attur u abbandun maghmula mill-konvenuta *ai termini* tal-Kodici Civili u minhabba nkompatibbilta' ta' karattru;

2. Tiddikjara u tordna li l-istess konvenuta titlef id-drittijiet kontemplati fl-**artikoli 631, 633, 633A, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili** u tapplika kontra l-konvenuta u favur l-attur id-dispozizzjonijiet tal-**artiklu 48 tal-Kodici Civili;**

3. Tordna t-tmiem u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

4. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi u taqsam l-istess bejn il-kontendenti nofs kull wiehed b'dan pero' li lill-attur ghandhom jigu assenjati fl-intier taghhom l-akkwisti li saru bil-hidma tieghu u jinghatalu lura dak li hu ta lill-konvenuta

b'donazzjoni bil-hsieb taz-zwieg jew waqt iz-zwieg jew b'titolu iehor, u b'dan ukoll illi l-attur ghandu jinghata d-dritt skond **artiklu 55A tal-Kodici Civili** li wahdu jiqba' jghix fid-dar matrimonjali; tillikwida l-beni parafernali appartenenti lil kull wahda mill-partijiet u tassenja tali beni lil dik il-parti li lilu jew lilha jappartjenu.

5. Tahtar Nutar, u tiffissa data, lok u hin sabiex jekk ikun hemm bzonn issir il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti (hlief id-dar matrimonjali) kif likwidati u tahtar kuraturi deputati biex fil-kontumacja jew l-assenza tal-konvenuta jidhru minflokha.

6. Tordna li l-attur jibqa' jghix ad eskluzjoni tal-konvenuta fid-dar matrimonjali Flat 8 Blk A Pinto Bldgs, St. Albert Street, Gzira, u dan skond artikolu 55A tal-Kodici Civili liema dar ghandha tigi assenjata lilu peress li hija tieghu minn qabel iz-zwieg;

Bl-ispejjez.

Il-konvenuta minn issa ngunt biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat il-verbali tat-22 ta' Marzu 2002; tas-7 ta' Mejju 2002; tad-19 ta' Gunju 2002; tad-9 t'Ottubru 2002 fejn fuq talba tad-difensuri l-kawza giet differita ghall-probabbli tranzazzjoni; tat-8 ta' Jannar 2003; tad-19 ta' Frar 2003 fejn l-attur iddikjara li fil-komunjoni m'hemm xejn x'jista' jinqasam; u tat-3 t'April 2003 fejn il-Qorti giet infurmata li tranzazzjoni ma sehhitx. Id-difensuri qablu li l-konvenuta ghandu jkollha terminu sabiex tipprezenta nota tal-eccezzjonijiet liema terminu jibda jiddekorri minn dakinhar stess. Inghataw digriet nota guramentata u digriet affidavit tal-attur b'terminu ta' hamsin (50) gurnata. Inghata wkoll digriet affidavit tal-konvenuta bl-istess terminu (hamsin gurnata) li jibda min-notifika tal-affidavits

attrici. Id-difensuri ddikjaraw li minbarra l-affidavits m'ghandhomx provi aktar.

Rat in-nota tal-attur datata 9 t'April 2003 li permezz taghha esebixxa dikjarazzjoni tal-assi parafernali u dawk formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Rat in-noti tal-attur, wadha tal-25 t'April 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess, u l-ohra tat-30 t'April 2003 li biha esebixxa l-affidavit ta' Tiberio Scicluna.

Rat il-verbal tas-26 ta' Gunju 2003 fejn D. Tanya Sammut ghall-konvenuta ddikjarat li minkejja li ppruvat tikkomunika mal-klijenta diversi drabi pero' dan minghajr success. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta' Jannar 2004.

Rat l-ordni tal-Qorti datata 7 ta' Jannar 2004 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-lum 29 ta' Jannar 2004.

Rat li minkejja li fit-3 t'April 2003 kien hemm qbil biex il-konvenuta nghatat cans tipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet taghha, din baqghet ma pprezentat xejn u ghaldaqstant baqghet kontumaci.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attur **David Pons** ta x-xhieda tieghu permezz tal-procedura tal-affidavit datat 9 ta' April 2003 fejn bil-gurament tieghu kkonferma hekk:-

*"Jiena u Elena zzewwigna fis-17 ta' Gunju 2000 u sirt naf lill-konvenuta cirka April tal-1999. Jiena kont nahdem go bar fejn kien jahdem certu David Bonavia. Dan kien*

*mizzewweg Russa u missierha kien jghix hawn Malta. Dan missierha Vladimir Plotnikov kien hajjarni biex permezz ta' ittri nikkomunika ma' tfajla Russa li hu kien qalli li kienet bil-ghaqal, gustuza u li kienet waslet biex tiggradwa. Qabel ma giet l-ewwel darba konna ktibna xi tliet ittri lil xulxin. L-ittri taghha kitbithom bl-Ingliz ghalkemm wara meta giet, hi kienet qaltli li ma kenitx taf titkellem u tikteb bl-Ingliz. B'hekk meta giet hawn Malta ndunajt li dawk l-ittri bilfors kien kitibhomlha xi hadd. Fil-fatt nghid li meta konna nohorgu flimkien l-ewwel darba li giet Malta konna nohorgu bid-dizzjunarju maghna. Hi kienet tfittex kull kelma li kont nghidilha fid-dizzjunarju. Wara li zzewwigna kienet qaltli li meta qabel izzewwigna kont incemplilha fuq it-telefon ma kenitx tifhem x'qed nghidilha u ma kenitx qed tifhem.*

*Jiena bniedem timidu u misthi w introvert b'hekk kont hsibt li l-uniku mod li stajt naqbad tfajla kien permezz tal-posta – jiena ma tantx kont nohrog. Lil din ir-Russa kien issuggerihieli Vladimiru Plotnikov wara li kien staqsieni jekk kontx qed nohrog ma' xi hadd. Jiena ghalhekk hallastilha l-passagg biex tigi Malta. Meta giet kienet damet xi xahrejn u jidhirli li qaghdet ghand din il-familja Russa. Jien kont naraha u konna nohorgu bhala hbieb ma kellniex kunfidenzi ma' xulxin. Fis-sajf tal-istess sena ergajt hallastilha l-passagg biex tigi u din id-darba qaghdet ghandna ghax hi ma kellhiex flus biex thallas. Hawn hi regghet ghamlet xahrejn ohra. Hi kienet tohrog hafna specjalment ma' dik il-familja Russa. Kienet tmur ghandhom u tqatta' hafna hin maghhom. Jiena dejjem hassejtha bierda minni pero' jiena kont ghamejt fuqha u kont nahseb li dak huwa l-karattru tipiku Russu. Sirt naf ukoll li hi kienet ghaddiet minn xi trawma minn 'boyfriend' li kienet tiffrekwenta fir-Russja u hsibt li hi ghalhekk kellha wkoll xi ftit ta' biza' minni. F'din il-migja taghha hi kienet giet mieghi biex naraw post biex nixtrih jiena. Ghandi nghid li hi kienet issuggeriet li nizzewgu u jiena htaftha fil-kelma u bdejt immedjatament infittex post.*

*Illi hi kienet tfajla sabiha jiena kif gja' ghidt ghamejt fuqha. Hi regghet giet fi Frar pero' nghid f'Novembru 1999 jiena gja' kont ghamilt konvenju biex nixtri post. Ghandi nghid*

*fil-fatt li jiena xtrajt l-ewwel post li rajna, u ma qghadtx infittex u ndur. Meta issa giet ghat-tielet darba fi Frar 2000 ukoll kienet toqghod ghandna u wkoll kont hallastilha l-passagg jiena. Ahna qatt ma ghamilna l-att taz-zwieg qabel iz-zwieg – hi kienet bierda u kienet tagixxi b'mod li ma naslux ghall-att taz-zwieg innifsu. Fil-fatt nghid li hi kienet ukoll tevita li jkollna sess goff bejnietna. Bil-kemm kont immissha. Nghid li hi ma kenitx turi herqa jew entuzjazmu. L-affarijiet gew malajr wisq b'nuqqas anzi b'hafna ta' hsieb. F'Gunju cjoe' fit-tieni darba li giet, iddecidejna li ser nizzewgu u wara ddecidejna d-data meta kienet giet it-tielet darba fi Frar. Fil-fatt fi Frar iddecidejna li nizzewgu f'Gunju cjoe' biss erba' xhur wara. Kollox sar ta' malajr u minghajr hsieb, bla ma kien hemm preparamenti.*

*Hi marret lura f'pajjizha u meta giet ir-raba' darba giet fil-post li jiena kont gja' xtrajt biex nizzewgu fih. Hi giet f'Mejju tal-2000 u ahna zzewwigna f'Gunju tal-istess sena. Nghid li kif giet f'Mejju mill-ewwel qabdet tahdem minghajr permess kwazi kuljum fil-ghaxijiet. Kienet il-habiba Russa taghha li sabithilha dan ix-xoghol, kienet tahdem taht isem haddiehor. Ghandi nghid li anke din id-darba kont jiena li hallast ghall-vjagg. Kont jiena wkoll li hallas ghat-tieg. Fil-fatt kulma ghamilna kien 'party' zghir ghand ziti, li sar ta' malajr. Ma kellniex mistednin hlief ix-xhieda, u anzi nghid li wahda minnhom ghandi l-impressjoni li lanqas biss ma giet. Ghandi nghid li la ommha u lanqas missierha ma gew ghal dan iz-zwieg – ma kien hawn hadd mill-familja taghha.*

*Ahna zzewwigna fis-17 ta' Gunju 2000 bir-registru biss u peress li ma kontx cert minn dan iz-zwieg, u peress li hi qatt ma semmietli biex nizzewgu bil-Knisja, iddecidejt illi ma nizzewwigx bil-Knisja ghalkemm jiena nisrani. Mill-attitudini taghha ndunajt li hi kienet ghamlet l-istess decizjoni li tfal ma jkunx hemm f'dan iz-zwieg. Ghandi nghid li dan qatt ma hassejtu bhala zwieg, qatt ma kien ghaqda fonda bejnietna. Rari konna nitkellmu u meta nitkellmu qabel iz-zwieg rari konna niftehmu sew. Qatt ma tkellimna dwar emozzjonijiet u / jew affarijiet personali jew sentimentali. Qatt ma ddiskutejna problemi taghna.*

*Hi kien mohhha biss fix-xoghol u biex tavvanza fil-karriera. Jiena ma kontx nidhol xejn fil-pjani u / jew fil-hajja taghha. Qatt ma ddiskutiet mieghi xi ghazla jew decizjoni li kellha taghmel, lanqas per ezempju qatt ma staqsietni jekk kontx kuntent jew irrid li hi tmur tahdem fil-ghaxijiet kif fil-fatt kienet taghmel. Hi dejjem ghamlet ta' rasha. Jiena qisni qatt ma kont hemm.*

*Jiena nghid li qatt ma qist il-konsegwenzi ta' hajja mizzewga u / jew l-obbligi li jigu maghha – jiena biss ridt li jkolli lil din it-tfajla. Min-naha taghha hi wkoll ma tantx kienet turi hegga ghalija. Hi anke wara z-zwieg baqghet bierda minni, hi qatt ma kienet tfittixni, anzi nghid li kienet tevitani u tivvinta minn kollox biex ma tidholx torqod mieghi. Huwa car li kien hemm inkompatibbilta' kbira bejnietna u kont naf illi l-hajja mizzewga suppost tinvolvi ghaqda bejn ir-ragel u l-mara.*

*Il-problemi bdew jinqalghu mill-ewwel, nghid li mill-bidu bdiet tevitani kif gja' ghidt u wara sitt xhur telqet go sodda ohra. Ghalhekk ikkonfermajt illi kien hemm xi haga hazina bejnietna li ma kenitx skond dak li kont nimmagina li kienet mizzewga. U dan ikkonfermajtu meta wara xi sena u xahar mid-data taz-zwieg hi abbandunat id-dar, pero' ghandi nghid illi sa ftit xhur qabel gja' kienet avvicinat lil hbiebha Russi biex tmur tghix ghandhom, pero' huma ma accettawx. Hi tul iz-zmien qasir li domna flimkien, dejjem insistiet li l-att isir bl-uzu tal-'condoms'. Jiena din il-haga kont naraha xi ftit stramba ghax kont inhoss illi hi ma xtaqitx kuntatt fiziku mieghi lanqas fl-att sesswali, filwaqt illi jien kont nixtieq li nkunu aktar 'close' ma' xulxin u kont nittama li l-affarijiet jinbdlu biz-zmien. Id-drabi li kellna x'naqsmu flimkien kienu ftit u dejjem bil-kontracettivi. Meta darba aljenajt rasi u ma kontx ilbist 'condom' (f'dan il-kaz jiena ovvjament kont ser nigi barra) hi kienet waqqfitni u jien kont hassejtha hafna din il-haga ghax ikkonfermajt dak il-hsieb li kelli, cjoe' li hi ma kenitx trid kuntatt fiziku mieghi l-hajja mizzewga kienet giet bla skop.*

*Hi kienet aktar mohhha fix-xoghol u kienet tivvinta kull skuza biex ma tkunx id-dar. Hi issa ammettiet mieghi li kienet tivvinta x-xoghol biex tevita u tiskarta lili. Hi la*

*riedet lili u lanqas riedet verament dan iz-zwieg – kulma riedet kien li jkollha permess li tghix u tahdem hawn. Kien car mill-bidu li x-xoghol ghaliha kien aktar importanti minni.*

*Jiena nammetti illi z-zwieg gie malajr minghajr pjan u minghajr ma rajt x'kienu l-obbligi taz-zwieg. Jiena kont mitluf fuqha u kont biss ferhan li rnexxieli nsib fi zmien qasir mara sabiha – haga li ma kellix possibbilta' naghmel f'cirkostanzi normali minhabba l-karattru timidu u misthi tieghi. Hi wkoll ma tantx qatt kienet interessata li ssir taf il-karattru tieghi u anke wara li zzewwigna. Nghid li hi izjed riedet iz-zwieg milli riedet lili, u dan rieditu biss ghal skopijiet ta' konvenjenza. Nghid li fil-fatt la jiena ma sirt naf lilha fiz-zwieg u lanqas hi ma saret taf lili. Ahna bqajna qisna zewg barranin.*

*Wara li rajt li hi kienet daqshekk bierda, jiena kont iddecidejt li minn dan iz-zwieg ma jkollix tfal.*

*Illi fil-fatt il-konvenuta bil-kemm kienet taf titkellem bl-Ingliz u ahna bil-kemm konna nikkomunikaw sewwa ma' xulxin, u dan kemm ghaz-zmien qasir qabel iz-zwieg kif ukoll wara.*

*Illi l-konvenuta qaltli li hi fil-fatt qatt ma habbitni izda biss kienet tirrispettani bhala persuna, u b'hekk nifhem ghaliex hi kienet daqshekk bierda u distanti fil-hajja mizzewga. Dan ukoll ikompli juri li l-iskop ghaz-zwieg taghha kien biss li tibqa' tirrisjedi f'Malta.*

*Illi jiena lanqas biss qatt rajt lill-genituri taghha li lanqas biss gew ghaz-zwieg. Fil-fatt lanqas biss kienu saru preparamenti ghaz-zwieg.*

*Illi jiena wkoll gejt attirat mill-persuna fizika tal-konvenuta u ma harist lejn xejn aktar. Kont ghami u ghalkemm nemmen illi l-veru zwieg huwa dak bil-Knisja, jiena ghazilt minflok li nizzewweg biss bir-registru, anke ghaliex ma kontx cert mill-pass li kont ser naghmel.*

*Niftakar li lil Elena kont infurmajtha mill-bidu nett rigward il-pozizzjoni finanzjarja tieghi. Jiena kont ghamilt ix-xoghol tat-tibjid mad-dar kollha, minkejja li qatt ma kont ghamilt dan it-tip ta' xoghol qabel. F'kull okkazjoni fejn hrigna flimkien, dejjem kont jien li nhallas u qatt ma staqsejt lil Elena biex naqsmu l-kont. Jiena dejjem hallast ukoll ghax-xirja li konna naghmlu flimkien mis-Supermarket. Niftakar li darba offrejtilha li nhallas ghall-biljett biex il-genituri taghha jkunu jistghu jigu hawn Malta, izda hi rrifjutat.*

*L-ghazla li tibda tahdem kienet taghha, u jien qatt ma ndhaltilha. Hi bdiet tahdem ghal sieghat twal minn fil-ghodu sa tard fil-ghaxija. Jiena deherli li dan kienet qed taghmlu biex kemm jista' jkun tevitani. L-interess taghha ma kienx il-hajja mizzewga, izda l-avvanz tal-karriera taghha. Minflok ma fehmet il-pozizzjoni finanzjarja tieghi u ghenitni, hi bdiet hajja ndipendenti u wzat iz-zwieg ghall-konvenjenza taghha. Hi qatt ma ghenitni finanzjarjament, ghalkemm jien qatt ma tlabtha xejn. Anke wara s-sieghat twal ta' xoghol hi lanqas biss kienet tfittixni biex nitkellmu u naqsmu hajjitna u l-hin liberu taghna flimkien. Anzi nghid li kienet konsistentement tevitani.*

*Mhux minnu li l-problema li kissret iz-zwieg kienet il-flus. Il-flus kienet wahda mill-iskuzi li gabet biex tfarrak ir-relazzjoni, li ma kenitx ibbazata fuq ir-rispett u l-imhabba. Kienet relazzjoni ta' konvenjenza minghajr imhabba min-naha taghha, u relazzjoni ta' fissazzjoni ghamja min-naha tieghi. Illum nirrealizza li z-zmien li ghamilna flimkien qabel iz-zwieg, li ma kienx ta' aktar minn hames xhur, zgur li ma kienx bizzejjed biex insiru nafu sew lil xulxin, aktar u aktar meta kien hemm il-problema tal-lingwa. Ghalhekk nista' nghid illi kienu dawn il-fattur li kkawzaw nuqqas kbir ta' mhabba u nkompatibbilta' tal-hajja mizzewga taghna.*

*Jien ghamilt kull sforz sa l-ahhar biex nara nistax insalva s-sitwazzjoni izda d-decizjoni taghha kienet ilha li ghamlitha, u ma kellha l-ebda nteress li tirranga ghalkemm ma kienx hemm hafna li seta' jigi salvat. Kien ovvju li l-ghan taghha kien li tizzewweg u tizzewweg*

*malajr. Ftit qabel ma telqet anke bdiet tara lil haddiehor u dan nafu ghax qalli l-habib taghha Tiberio Scicluna li sahansitra gieli hareg maghha u mal-'partner' il-gdid taghha.*

*Rigward l-assi parafernali dawk ta' wara z-zwieg jiena nghid illi qabel ma zzewwigna jiena kien gja' kelli l-post fejn konna ser immorru noqoghdu, cjoe': il-flat numru 8, Blk A, Pinto Bldgs, St. Albert Street, Gzira. Flus il-bank, qabel ma zzewwigt, ma kelli xejn, hlief ftit mijiet, ghax kollox kont infaqt fuq id-dar u kien baqa' hafna dejn li kien ghad irid jithallas. Jiena ghandi nghid illi dan il-post kien gja' 'furnished' b'kollox hlief kamra tal-pranzu u salott li dawn gew irregalati lili minn missieri waqt iz-zwieg. Barra mid-dar jien kelli wkoll karozza li kont akkwistajtha fl-1996 u li sa qabel ma zzewwigt jien kont hallastha kollha. Elena kienet giet hawn Malta f'Gunju tal-2000 u bdiet tahdem mill-ewwel 'part-time' l-Marina Hotel. Hi meta giet ma kellha xejn maghha hlief il-hwejjeg ta' fuqha. Ahna ghamilna ftit inqas minn sena mizzewgin fejn f'dan iz-zmien it-tnejn konna nahdmu regolari. Jiena kont u ghadni nahdem 'senior clerk' fl-'accounts section' fil-Housing Authority u hi kienet tahdem il-Westin Dragonara bhala receptionist u Aerobic instructress, ghalhekk ahna konna naqbdu l-istess paga, anzi ghandi nghid illi hi peress illi hi kellha zewg 'jobs' kienet gieli taqbad paga izjed minni. Fis-sena li ghamilna mizzewgin ahna ma akkwistajna xejn u dan stante illi l-post li konna qed nghixu gewwa fih kien fih minn kollox diga'. Dawk l-affarijiet zghar bhal 'stereo' u 'video' li Elena kienet gabet maghha kienet hadithom meta telqet. Ghalhekk ghandi nghid illi dak kollu li hemm god-dar illum, inkluz id-dar stess, huma parafernali u l-flus li hemm f'ismi l-bank huma kollha frott ix-xoghol tieghi minn mindu nfridna.*

*Jiena ghandi nghid illi jiena u Elena konna qbilna fuq il-kundizzjonijiet u klawsoli ta' separazzjoni tal-assi billi abbozzajna kuntratt. F'dan l-abbozz ahna qbilna li jigi ddikjarat illi z-zewg partijiet ghandhom fil-pussess taghhom l-oggetti parafernali kollha nkluz flus parafernali u flus avvanzati a favur il-komunjoni tal-akkwisti. Kien gie ddikjarat ukolli illi l-'flat' in kwistjoni huwa parafernali tieghi*

*u Elena ddikjarat illi qed tirrinunzja ghad-dritt taghha fl-istess dar u li l-ftit oggett mobbli li jikkostitwixxu l-komunjoni tal-akkwisti nqasmu u gja' jinstabu fil-pussess rispettiv taz-zewg partijiet. Rigward il-flus tal-komunjoni li kien hemm fil-banek gie ddikjarat illi kull wiehed mill-partijiet izomm dak l-akkont li hu ntestat f'ismu. Kien hemm qbil ukoll illi jigi rinunzjat id-dritt ghall-manteniment da parti tat-tnejn u fejn hemm djun tal-komunjoni kull parti ghandha thallas dak id-dejn skond minn ikkuntratta dak l-istess dejn. Jiena ndiddikjara li m'ghandi nzid xejn aktar."*

Illi l-attur ipprezenta wkoll l-affidavit ta' **Tiberio Scicluna** datat 30 ta' April 2003.

**(ii) Apprezzament tal-Provi.**

Illi mill-provi prodotti biss mill-attur, *stante* li l-istess konvenuta baqghet kontumaci, jirrizulta li l-istess konvenuta kienet hatja *verso* l-attur ta' adulterju, sevizzi, mohqrija, tant li hija abbandunat d-dar konjugali, u fil-fatt hija ghazlet li tghix ghar-rasha. In effetti jidher, u jirrizulta li l-konvenuta ma kienitx verament interessata fl-attur, u kienet taghmel minn kollox biex ikollha kuntatt mieghu mill-anqas, tant li l-istess zwieg sfaxxa f'qasir zmien. Jirrizulta li kien hemm inkompatibbilta' ta' karattru wkoll, u dan kollu wassal sabiex l-istess konvivenza giet resa mpossibbli u z-zwieg tkisser irremedjabbilment.

Illi in vista tal-fatt li kien l-agir tal-konvenuta, li almenu mill-provi prodotti jidher li kkawzat din il-firda, hemm lok li jigu applikati kontra l-konvenuta d-dispozizzjonijiet kollha tal-**artikolu 48 tal-Kap 16,** u konsegwentement l-**artikoli 631, 633A, 825 u 827 tal-Kodici Civili.**

Illi t-tielet talba ghandha tigi milqugha u l-Qorti tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet b'effett mil-25 ta' Ottubru 2001.

Illi dwar ir-raba' talba jidher li l-komunjoni tal-akkwisti qed jigi decizi li ma hemm xejn ta' valur x'jigi likwidat, b'dan pero' li jirrizulta li dak li hemm fid-dar matrimonjali u li gie akkwistat fiz-zwieg – li huma ta' entita' zghira – gew

akkwistati mill-attur frott tal-hidma tieghu, u allura b'applikazzjoni tal-**artikolu 48** fil-konfront tal-konvenuta l-istess mobbli ghandhom jigu assenjati lilu. L-istess japplika ghad-depoziti bankarji li jinsabu wkoll f'isem l-istess attur.

Illi dwar id-dar matrimonjali Flat 8, Block A, Pinto Buildings, St. Albert Street, Gzira, dan huwa parafernali ghall-attur, flimkien mal-maggoranza tal-mobbli li jinsabu fih, u allura l-istess ghandhom jibqghu fil-pussess tal-attur.

Illi dwar id-depoziti bankarji, jekk hemm tal-konvenuta, huwa amess, li dawn huma frott tal-hidma tal-konvenuta, u jekk ghadhom jezistu dawn jappartjenu lill-istess konvenuta.

Illi jirrizulta li kull parti tinsab fil-pussess tal-beni parafernali taghha, u ma hemm xejn f'jinghad dwar l-istess.

Illi l-hames talba qed tigi michuda ghaliex hija inutili.

Illi s-sitt talba ghandha tigi milqugha *stante* wkoll li l-konvenuta ma ghandha ebda dritt fuq l-istess immobbli.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, u filwaqt li **tichad l-hames (5) talba attrici** *stante* li hija inutili, **tilqa' t-talbiet l-ohra kollha attrici** biss fis-sens hawn deciz, b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba l-adulterju, sevizzi, u mohqrija lejn l-attur u abbandun maghmula mill-konvenuta *ai termini* tal-Kodici Civili b'dan li l-agir tal-konvenuta rrenda l-istess konvivenza tal-partjiet impossibbli, anke minhabba nkompatibbilta' ta' karattru, u z-zwieg tkisser irremedjabilment.

2. Tiddikjara u tordna li l-istess konvenuta titlef id-drittijiet kontemplati fl-**artikoli 631, 633, 633A, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili** u tapplika kontra l-konvenuta u favur l-attur id-dispozizzjonijiet tal-**artiklu 48 tal-Kodici Civili;**

3. Tordna t-tmiem u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet b'effett mill-25 ta' Ottubru 2001;

4. Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara li fil-komunjoni tal-akkwisti ma hemm xejn ta' valur x'jigi likwidat u diviz, *stante* wkoll li l-effetti mobbli li hemm f'dik li kienet id-dar matrimonjali huma ta' entita' u valur zghir, u jirrizulta li dak minnhom li gie akkwistat fiz-zwieg, gew effettivament akkwistati mill-attur frott tal-hidma tieghu, u allura b'applikazzjoni tal-**artikolu 48** fil-konfront tal-konvenuta u favur l-attur l-istess mobbli qed jigu assenjati lill-attur flimkien mad-depoziti bankarji li jinsabu f'isem l-attur.

Illi dwar il-fond li kien dak matrimonjali Flat 8, Block A, Pinto Buildings, St. Albert Street, Gzira, dan huwa parafernali ghall-attur, flimkien mal-maggoranza tal-mobbli li jinsabu fih, gja' jinsabu fil-pussess tal-attur u allura tordna li l-istess ghandhom jibqghu fil-pussess tieghu *stante* li l-konvenuta ma ghandha l-ebda dritt fuq l-istess.

Illi dwar id-depoziti bankarji f'isem il-konvenuta, u jekk hemm tal-konvenuta, dawn jekk jezistu huma frott tal-hidma taghha, u jekk ghadhom jezistu dawn jappartjenu lill-istess konvenuta.

Illi *stante* d-dikjarazzjoni tal-attur jirrizulta li kull parti tinsab fil-pussess tal-beni parafernali taghha, u ghalhekk il-Qorti ma ghandha xejn ulterjuri x'tipprovdi fuq l-istess.

5. Tichad din it-talba *stante* li ma hemmx bzonnha.

6. Tordna li l-attur jibqa' jghix ad eskluzjoni tal-konvenuta fil-fond li kien matrimonjali, Flat 8 Block A, Pinto Bldgs, St. Albert Street, Gzira, u dan skond **artikolu 55A tal-Kodici Civili** liema dar hija parafernali tal-attur.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------